# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

# MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D. Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum 28 ta' Marzu 2022**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 616/2012 akkordat fid-29 ta' Frar 2012**

**fl-ismijiet:**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Johan Scerri (ID 563279(M)**

**Rikors Revoka Numru: 17/2022 NB**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors imressaq minn Johan Scerri KI 563279(M) fl-20 ta' Jannar 2022 li bih ghar-raginijiet hemm imfissra talab li din il-Qorti (1) thassar il-mandat ta' sekwestru numru 616/2012 mahrug kontra tieghu u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u (f), (2) tiddikjara li r-rikorrent soffra danni bil-hrug tal-mandat, (3) tillikwida d-danni, (4) tordna lill-intimata thallas id-danni hekk likwidati u (5) tiddikjara li t-talba ghal hrug tal-mandat saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja u ghalhekk tordna lill-intimata thallas penali lir-rikorrent ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta.

Rat id-Digriet taghha tal-21 ta' Jannar 2022 li bih wara li rat l-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimata ezekutanta bi zmien sebat ijien ghar-risposta filwaqt li appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-14 ta' Frar 2022.

Rat il-verbal tal-14 ta' Frar 2022 fejn il-Qorti nnotat li ghalkemm is-socjeta intimata kienet notifikata kien ghadu ghaddej it-terminu ghar-risposta.

Rat il-verbal tal-25 ta' Frar 2022 fejn Dr. Sharon Calleja ghar-rikorrent talbet differiment minhabba li kienet indisposta.

Rat li s-socjeta ezekutanta ghalkemm notifikata baqghet ma ressqet ebda twegiba.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu 2022 fejn meta ssejjah ir-rikors deheret Dr. Sharon Calleja ghar-rikorrenti prezenti. Xehed ir-rikorrenti. Il-Qorti semghet trattazzjoni da parti tar-rikorrenti. Il-Qorti ordnat li jigu nseriti l-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 616/2012 u r-rikors thalla ghal digriet kamerali.

Rat l-atti processwali kollha.

Rat il-mandat ta' sekwestru numru 616/2012.

***Ikkunsidrat:***

Bil-procedura odjerna r-rikorrenti qed jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru li fir-rikors promutur huwa deskritt bhala 'kawtelatorju' bin-numru 616/2012. Madanakollu wara ezami tal-mandat – wara li l-istess gie inserit fl-atti fuq ordni tal-Qorti – irrizulta li l-mandat *de quo* huwa fil-fatt mandat ta' **Sekwestru Ezekuttiv** (mhux kawtelatorju) ottenut mis-socjeta intimata in segwitu ta' sentenza mghotija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-18 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet *Vodafone Malta Limited vs Johan Scerri*, talba numru 1345/2010 VGD li tinsab annessa mal-istess mandat.

It-talbiet kollha tar-rikorrenti huma msejjsa fuq l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu jirrigwarda talba ghar-revoka ta' atti kawtelatorji. Fil-kaz *de quo*, kif inghad, il-mandat in kwistjoni huwa wiehed ezekuttiv u kwindi l-artikolu citat mir-rikorrenti mhux applikabbli. Huwa l-Artikolu 281[1] tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li japplika fir-rigward ta' talbiet biex jigu attakkati atti ezekuttivi liema procedura hija ghal kollox differenti minn dik prezentata mir-rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi r-rikors tar-rikorrenti billi tichad it-talbiet kollha tal-istess billi l-azzjoni kif proposta hija inapplikabbli fir-rigward ta' mandat ezekuttiv.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Mario Spiteri - Deputat Reġistratur**

[1] Li qabel kien Art 283A tal-Kap 12li gie enumerat mill-ġdid u sostitwit:XIV.2006.12.